MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 572/2002/1

**Citadel Insurance plc kif surrogata fil-jeddijiet ta' l-assikurat taghha Carmelo Micallef u l-istess Carmelo Micallef**

**vs**

**Francis Xavier sive Saviour Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tmienja u erbghin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm848.91), rapprezentanti danni sofferti mill-attur wara l-incident stradali fid-data u post indikati bejn vettura AAD-926 misjuqa minn u proprjeta` ta' l-attur Carmelo Micallef u l-vettura DAM-863 misjuqa mill-konvenut, ghall-liema incident jahti unikament il-konvenut;**

**Qed jintalbu wkoll l-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju, 2001 kif ukoll ta' dik prezentata kontestwalment fil-konfront ta' SMS Insurance Agency Limited ghall-finijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imghax dekoribbli sa l-effettiv pagament.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**Il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' Frar, 2002, fi Triq il-Knisja, San Giljan, bejn il-vettura AAD-926 misjuqa minn Carmel Micallef u l-vettura DAM-863 misjuqa mill-konvenut.**
**Mir-"road accident report" jirrizulta li l-incident gara meta il-konvenut regga lura u gie fil-karreggjata minn fejn kien ghaddej l-attur. Jirrizulta li l-incident gara unikament tort tal-konvenut li ma kienx attent bizzejjed waqt li qed iregga lura.**

**Bhala konsegwenza ta' l-incident l-attur kellu hsarat fuq quddiem u fuq il-genb ta' quddiem in-naha tax-xellug, u dana fl-ammont indikat fl-avviz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u tmienja u erbghin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm848.91) bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Lulju, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju, 2001 kif ukoll ta' dik prezentata kontestwalment fil-konfront ta' SMS Insurance Agency Limited ghall-finijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta'**

**Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**